Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 14/2008

**Georgina Cilia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Ottubru, 2008 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "L-Arbitru,
>
> Ra l-appell.
>
> Ra r-risposta.
>
> Ikkonsidera:

> Illi l-partijiet huma konsonanti fl-applikazzjoni tar-rekwiziti ghal kwalifika applikazzjoni. Pero hemm differenza fuq il-punctorum temporis ta' meta jiskattaw tali rekwiziti.
>
> Filwaqt li d-Direttur isostni li tali perjodu jiddekorri mal-applikazzjoni l-appellanti tikkontendi li l-istess perjodu jkun antecedenti ghal tali applikazzjoni minghajr ir-ristrettiv tad-data tal-applikazzjoni. It-tnax (12) il-xahar minn meta jibdew japplikaw?
>
> Illi l-Arbitru huwa propens li jaqbel mal-interpretazzjoni kif moghtija mid-Direttur. Din trid tkun ristrettiva fis-sens li trid tkun abbinata ma terminu fiss.
>
> Ma ghandhiex tkun applikata fis-sens ta' xi darba qabel, izda b'riferenza preciza u ezatta ghal data fattwali. Ubi lex voliti dixit.
>
> Ghalhekk t-talba ma tistax tigi milqugha.
>
> L-appell qed jigi michud.**”**

Bl-appell taghha r-rikorrenti Georgina Cilia tikkontesta r-ragonament u l-konkluzjoni ta’ l-Arbitru bl-argoment illi, fuq l-interpretazzjoni taghha, l-Artikolu 26 (1) (c) tal-Kapitolu 318 ma jipprovdix illi l-applikanti ghall-Pensjoni ta’ l-Invalidita` trid tkun ilha tahdem ghal tnax-il xahar immedjatament precedenti l-inkapacita`;

L-Arbitru kellu quddiemu kwestjoni dwar jekk id-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali, li biha ma kienx laqa’ t-talba ta’ l-appellanti ghal Pensjoni predetta, kienetx hekk gustifikata in bazi ghal dak ritenut minnu illi l-appellanti ma kienetx tissodisfa l-kriterji dettati mill-Artikolu 26 ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Jirrizulta mill-atti, senjatament in-Nota spjegattiva pprezentata mid-Direttur, illi d-decizjoni ta’ dan ittiehdet fuq dawn il-premessi:-

(1) Ghall-intitolar tal-pensjoni rikjesta l-applikanta riedet tkun, minnufih qabel it-talba taghha, f'impjieg kontinwu, *full time* jew *part time* jew tahdem ghaliha nfisha ghal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;
(2) Fil-kaz li tissodisfa d-disposizzjonijiet l-ohra ta' l-Artikolu 26, sussegwentement kienet registrata taht l-Ewwel Taqsima tar-Registru ghal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

L-appellanti kkontrastat dan ir-ragonament u b'Nota responsiva irribattiet illi:-

(1) Ghal fini tas-subparagrafu (c) ta' l-Artikolu 26 (1) ta' l-Att dak li jghodd hu li qabel sehh l-inkapacita` l-persuna tkun hadmet ghal perijodu komplessiv ta' mhux anqas minn tnax-il xahar, u dan fil-kaz taghha kien hekk jirrizulta;
(2) Hi fallaci l-kontenzjoni tad-Direttur illi biex persuna tkun hekk intitolata ghall-Pensjoni ta' l-Invalidita` riedet tkun hadmet ghal perijodu ta' tnax-il xahar u, ukoll, tirregistra ghal mill-anqas tnax-il xahar;

Evidentement, minn dawn it-tezijiet opposti l-kwestjoni taggira fuq l-interpretazzjoni li trid tigi akkordata lill-Artikolu 26 tal-Kapitolu 318. Qabel ma l-Qorti tinvesti din il-kwestjoni huwa importanti li, qabel xejn, jigu premessi dawn il-fatti, kif dettaljati fin-Nota spjegattiva tad-Direttur appellat quddiem l-Arbitru, u li, incidentalment, ma jinsabux kontraddetti:-

(1) L-appellanti applikat ghal Pensjoni *de qua* fit-30 ta' Awissu, 2007:
(2) L-ahhar impjieg effettiv taghha ntemm fit-12 ta' Settembru, 1994;
(3) Sussegwentement ghal din id-data l-appellanti qatt ma kienet registrata taht l-Ewwel Taqsima tar-Registru fit-termini ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impjieg u Tahrig (Kapitolu 343);

Premess dan, tajjeb li jinghad illi f'materja ta' interpretazzjoni wiehed ghandu jirricerka n-ness logiku li taghti sens oggettiv lid-disposizzjoni li tkun qed tigi ezaminata. Il-kriterji possibbli ghar-raggungiment ta' dan l-iskop jistghu jkunu sew letterali sew dawk li l-aktar jikkorrispondu ghall-*mens legis* u l-volonta tal-legislatur meta ddetta l-ligi, ghaliex, kif jinsab notat "filwaqt li l-kelma tal-ligi kien jehtieg li tigi rispettata fl-applikazzjoni taghha, dan ma jfisserx illi s-sinjifikat letterali tal-kelma wahdu kien dak li kellu jwassal ghall-interpretazzjoni gusta taghha. Anke l-kelma tal-ligi kellha tigi interpretata fl-isfond tas-sens kollu tad-disposizzjoni taht ezami u kif din tinkwadra ruhha fl-ispirtu tal-legislazzjoni shiha" ("**L. & A. Camilleri Ltd -vs- Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001);

Kif taraha din il-Qorti fuq l-interpretazzjoni taghha l-proposizzjoni legislattiva bl-Artikolu 26 (1) tal-Kapitolu 318 ghandha titfisser fis-sens illi d-diversi subparagrafi tieghu, konkatenati flimkien, huma miranti biex joffru assistenza ekonomika-socjali lil persuni, sija impjegati subordinati jew *self-employed*, minhabba inkapacita` tali li timpedixxi lil dik il-persuna milli tkompli fid-dinja tax-xoghol, sija attwali jew potenzjali. Li tezisti rabta qawwija ma' dan l-element tax-xoghol ma ghandu jkun hemm ebda dubju gjaladarba d-disposizzjoni hi hekk applikabbli wkoll ghal dawk li jkunu qed ifittxu x-xoghol jew ghandhom dik l-aspettativa tieghu, stabbilit u konfermat illi dawn ikun hekk qed jirregistraw ghal xoghol fit-termini tal-ligi partikulari applikabbli;

Jinzel minn dan illi t-test okkorrenti li hu intiz bid-dispost tas-subparagrafu (c) ta' l-imsemmi Artikolu 26 (1) li jkun applikat ghal fini tad-determinazzjoni tal-jedd tal-kontribwent li jircievi x-xorta ta' Pensjoni minnu rikjesta hu dak jekk kienx effettivament fl-impjieg qabel ma ssopravveniet l-inkapacita` li rrendietu inabbli ghax-xoghol pero`, almenu, jekk ma kienx fl-impjieg, kienx qieghed jirregistra ghall-kisba ta' impjieg. Hemm raguni ghal dan. Ix-xorta ta' Pensjoni kkontemplata sservi biex taghmel

tajjeb ghat-telf ta' dhul jew tal-qliegh b'rizultat ta' l-inkapacita`;

Fil-kaz ta' l-appellanti, in bazi ghal din l-interpretazzjoni, din ma tidherx li hekk tikkwalifika ghal din il-Pensjoni stante li fiz-zmien prossimu ghall-allegata inkapacita` taghha hi ma kienetx f'impjieg u lanqas ma kienet tirregistra bit-tama ta' xi impjieg fil-perijdou statutorju ta' tnax-il xahar prefiss mil-ligi. Sincerament, il-Qorti ma tarax b'liema argoment l-appellanti tippretendi li hi ssodisfat dan l-element meta fiz-zmien rilevanti ta' qabel ma sehhet l-inkapacita` (x'aktarx wara Awissu 1996, skond ma jinghad minnha fl-aggravju sottomess lill-Arbitru), u in bazi ghal fatti maghrufa hi ma kienetx "impjegata *full time* jew *part time*" <u>jew</u> "registrata fl-Ewwel Parti tar-Registru", ghal perijodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Ragonevolment, il-Qorti taqbel mal-fehma ta' l-appellanti illi d-disposizzjoni bl-uzu tal-preposizzjoni "<u>jew</u>" – hekk varjanti l-istat tal-ligi attwali minn dik antecedenti bl-uzu tal-kelma "<u>u</u>" – il-ligi kienet skond l-effett naturali dizguntiv tal-preposizzjoni, qed tikkontempla l-wahda (l-impjieg) jew l-ohra (ir-registrazzjoni) u mhux iz-zewg ipotesijiet flimkien. Mill-kumplament, il-Qorti ma ssibx illi l-ilment principali ta' l-appellanti hu meritevoli li jkun akkolt.

Ghal dawn il-motivi in bazi ghal konsiderazzjonijiet superjorment maghmula din il-Qorti qed tirrigetta l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------